31. Tfakkar fl-esperjenza pożittiva tal-UE dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranza u s-soluzzjoni paċifika ta' konflitti fil-konfini;

32. Tappella lill-pajjiżi tal-AKP u tal-UE biex jirrikonoxxu l-impatt pożittiv tal-Att Kostituttiv tal-Unjoni Afrikana li jistipula li gvernijiet li jieħdu l-poter b'mezzi mhux kostituzzjonali m'għandhomx jitħallew jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Unjoni Afrikana;

33. Temmen li l-Mekkaniżmu Afrikan ta' Evalwazzjoni tal-Pari effettivament isaħħaħ l-istituzzjonijiet demokratiċi li jrawmu d-diversità u l-governanza responsabbli; theġġeġ lill-organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali tal-AKP biex iqisu aktar il-kwistjonijiet tal-minoranza f'oqfsa bħal dawn;

34. Tagħti istruzzjoni lill-Ko-Presidenti tagħha biex jibagħtu din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE, lill-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana, lill-Parlament Pan-Afrikan u lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali, lill-Kummissjoni Ewropea, lin-NU u lil organizzazzjonijiet reġjonali, u lill-Presidenzi tal-UE u tal-Unjoni Afrikana.

RIŻOLUZZJONI [1]

Dwar Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs) u l-impatt tagħhom fuq l-Istati tal-AKP

L-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-AKP-UE,

— li ltaqgħet fi Praga (ir-Repubblika Ċeka) mis-6 sad-9 ta' April 2009,

— wara li kkunsidrat l-Artikolu 17(1) tar-Regoli ta' Proċedura tagħha,

— wara li kkunsidrat l-Artikolu 178 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

— wara li kkunsidrat il-Ftehima ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmata f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (il-Ftehima ta' Cotonou) [2],

— wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni [3] tal-Ħdax is-sessjoni ordinarja tal-Assemblea tal-Unjoni Afrikana tal-Kapijiet ta' Stat u Gvern, li ltaqgħet f'Sharm El-Sheik, l-Eġittu, mit-30 ta' Ġunju sal-1 ta' Lulju 2008, dwar ir-rapport dwar Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika,

— wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni tal-Għaxar sessjoni ordinarja tal-Assemblea tal-Unjoni Afrikana tal-Kapijiet ta' Stat u Gvern, li ltaqgħet f'Addis Ababa, mill-31 ta' Jannar sat-2 ta' Frar 2008, dwar Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika,

— wara li kkunsidrat "id-Dikjarazzjoni ta' Accra" adottata fit-3 ta' Ottubru 2008 waqt is-Sitt Samit tal-Kapijiet ta' Stat u Gvern tal-AKP [4],

— wara li kkunsidrat il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' April 2005 dwar Il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp – It-tħaffif tal-progress biex jinkisbu l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju [5],

---

(1) Adottata mill-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-ACP-UE fid-9 ta' April fi Praga (ir-Repubblika Ċeka)
(2) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
(3) AU/Dec. 197(XI)
(4) ACP/28/025/08
(5) COM(2005)134 finali

— wara li kkunsidrat il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni (GAERC) f'Mejju 2005 dwar l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju ([1]),

— wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati ([2]),

— wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehimiet li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika ([3]),

— wara li kkunsidrat il-konklużjonijiet tal-2870 il-laqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni tal-UE tas-26 u 27 ta' Mejju 2008 dwar il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika,

— wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE adottata f'Addis Ababa fit-13 ta' Ġunju 2008,

— wara li kkunsidrat il-Komunikazzjoni tas-27 ta' Ġunju 2007 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Mill-Kajr għal Liżbona – Il-Partenarjat Strateġiku bejn l-UE u l-Afrika" (COM(2007)0357),

— wara li kkunsidrat il-Komunikazzjoni tat-23 ta' Ottubru 2007 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku (COM(2007)0635),

— wara li kkunsidrat il-Ftehima Ġenerali dwar Tariffi u Kummerċ (GATT), b'mod partikolari l-Artikolu XXIV tiegħu,

— wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti tat-8 ta' Settembru 2000, li tistabbilixxi l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju bħala kriterji stabbiliti b'mod kollettiv mill-komunità internazzjonali għall-eliminazzjoni tal-faqar,

— wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni tat-tieni Konferenza tal-Ministri Afrikani Responsabbli għall-Integrazzjoni, adottata f'Kigali, l-Irwanda, fis-26 u s-27 ta' Lulju 2007,

— wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjonijet tar-Raba' u l-Ħames Konferenza tal-Unjoni Afrikana tal-Ministri tal-Kummerċ, li ltaqgħet f'Addis Ababa fit-3 ta' April 2008 u fit-2 ta' Marzu 2009, dwar Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika,

— wara li kkunsidrat ir-rapport ippreżentat mis-Sinjura Christiane Taubira, Membru tal-Assemblea Nazzjonali Franċiża, fis-16 ta' Ġunju 2008, intitolat: "Les Accords de Partenariat Economique entre l'Union européenne et les pays AKP. Et si la Politique se mêlait enfin des affaires du monde?",

— wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Settembru 2002, dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni dwar in-negozjati tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi u r-reġjuni tal-AKP ([4]),

— wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Marzu 2006 dwar l-impatt tal-iżvilupp tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs) ([5]),

— wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2007 dwar Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika ([6]),

([1]) 9266/05
([2]) ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1.
([3]) ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1-154
([4]) ĠU C 273 E, 14.11.2003, p. 305.
([5]) ĠU C 292 E, 1.12.2006, p. 121.
([6]) ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 301.

— wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2007 dwar l-Għajnuna tal-UE għall-Kummerċ ([1]),

— wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika ([2]),

— wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tagħha tad-19 ta' Frar, 2004, dwar Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs): problemi u prospetti ([3]),

— wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tagħha tat-23 ta' Novembru 2006 dwar ir-reviżjoni tan-negozjati dwar Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs) ([4]),

— wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni tagħha ta' Kigali għal Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs) li jkunu favorevoli għall-iżvilupp, adottata fl-20 ta' Novembru 2007 ([5]),

— wara li kkunsidrat ir-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Ekonomiku, il-Finanzi u l-Kummerċ (ACP-EU/100.463/09/fin.),

A. billi fl-Artikolu 36(1) tal-Ftehima ta' Cotonou hemm il-qbil tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati tal-AKP li jikkonkludu "arranġamenti kummerċjali kompatibbli mal-WTO, li progressivament ineħħu l-ostakli għall-kummerċ bejniethom u jsaħħu l-koperazzjoni fl-oqsma kollha rilevanti għall-kummerċ",

B. billi, iżda, l-Artikolu 37(3) ta' din il-Ftehima jistabbilixxi li "għandu jkun hemm perjodu preparatorju għall-bini ta' kapaċitajiet fis-setturi pubbliċi u privati tal-pajjiżi tal-AKP",

C. billi n-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Grupp ta' Stati tal-AKP dwar kwistjonijiet ta' interess ġenerali bdew fl-2002 u warajhom kienu saru negozjati bejn l-UE u sitt reġjuni tal-EPA (il-Karibew, l-Afrika tal-Punent, l-Afrika Ċentrali, l-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar, l-'SADC minus' u l-Paċifiku),

D. billi l-15-il Stat Membru tal-Forum tal-Karibew tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (CARIFORUM) bdew Ftehima ta' Sħubija Ekonomika mal-UE u mal-Istati Membri tagħha fis-16 ta' Diċembru 2007,

E. billi 18-il pajjiż Afrikan, li minnhom 8 huma Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs), bdew Ftehimiet peliminari ta' Sħubija Ekonomika f'Novembru u Diċembru 2007, waqt li 29 pajjiż Afrikan ieħor tal-AKP, li tlieta minnhom mhumiex LDCs, ma bdew ebda EPA, u billi l-Afrika ta' Isfel kienet diġà ffirmat il-Ftehima ta' Kummerċ, Żvilupp u Koperazzjoni (TDCA), reġim kummerċjali kompatibbli mad-WTO fi ħdan l-Unjoni Ewropea,

F. billi l-Papua New Guinea u l-Fiġi, żewġ pajjiżi tal-AKP li mhumiex LDC, bdew Ftehima ta' Sħubija Ekonomika *interim* fit-23 ta' Novembru 2007, waqt li l-bqija tal-pajjiżi tal-Paċifiku tal-AKP (sitt LDCs u seba' mhux LDCs) ma bdewx EPA,

G. billi fl-2008 kienu ffirmati biss il-ftehima bejn l-Istati tal-CARIFORUM u l-UE u l-ftehimiet *interim* bejn l-UE u l-Kosta tal-Ivorju u bejn l-UE u l-Kamerun,

([1]) ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 291.
([2]) Testi adottati, P6_TA(2007)0614.
([3]) ĠU C 120, 30.4.2004, pp. 16-22.
([4]) ĠU C 330, 30.12.2006, pp. 36-40.
([5]) ĠU C 58, 1.3.2008, pp. 44-46.

H. billi mill-1 ta' Jannar, 2008, l-UE applikat l-arranġament tal-importazzjoni għal prodotti li joriġinaw mill-Istati tal-AKP li bdew EPAs jew EPAs preliminari, kif stipulat f'dawn il-ftehimiet [1],

I. billi r-reġjuni Afrikani u tal-Paċifiku qed jissoktaw bin-negozjati mal-Unjoni Ewropea bl-għan li jikkonkludu EPAs sħaħ, u billi nofs l-Istati tal-AKP għadhom ma bdewx jew ma ffirmawx ftehimiet bħal dawn,

J. billi l-pajjiżi tal-AKP esprimew tħassib dwar "il-klawżoli kontenzjużi" li hemm fl-EPAs inizjali u talbu li dan it-tħassib ikun indirizzat qabel l-iffirmar,

K. billi l-partijiet kollha ripetutament sostnew li l-EPAs għandhom ikunu strumenti ta' żvilupp għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, l-integrazzjoni reġjonali u t-tnaqqis tal-faqar fl-Istati tal-AKP,

L. billi l-ispejjeż ta' aġġustament li jirriżultaw mill-EPAs għandhom iħallu impatt sinifikanti fuq l-iżvilupp tal-pajjiżi tal-AKP, li għalkemm huwa diffiċli li jitbassru b'mod preċiż, għandu jkollhom impatt dirett minħabba t-telf tad-dazju tad-dwana u impatt indirett minħabba l-ispejjeż li jsiru għal adattament u għajnuna soċjali fl-oqsma tal-imjiegi, it-titjib tal-ħiliet, il-produzzjoni, id-diversifikazzjoni tal-esportazzjoni u r-riforma tal-amministrazzjoni tal-finanzi pubbliċi,

M. billi 21 pajjiż tal-AKP, li xi whud minnhom għadhom ma ffirmawx EPA, allokaw ammonti speċifiċi għall-miżuri li jakkumpanjaw l-EPAs fil-Programmi Indikattivi Nazzjonali tagħhom (NIPs) għall-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF),

N. billi l-impatt tal-iżvilupp tal-EPAs fuq l-Istati tal-AKP jista', xi drabi, b'mod temporanju, jġib miegħu:

— tnaqqis fid-dħul nett ta' dazji tad-dwana u l-effett tiegħu fuq il-baġits tal-Istati tal-AKP,

— problemi ta' integrazzjoni reġjonali fost il-blokki reġjonali tal-AKP minħabba li nbdew ftehimiet interim, li jistgħu jfixklu l-ħolqien meħtieġ ta' qafas għal żvilupp ekonomiku integrat li jkun jista' jikkontribwixxi għal tkabbir ekonomiku fl-Istati tal-AKP,

— it-titjib fil-provvista lill-ekonomiji tal-pajjiżi tal-AKP, u provvista ta' prodotti importati tal-UE lil klijenti,

— aktar esportazzjoni għall-UE minn pajjiżi tal-AKP permezz ta', *inter alia*, Regoli ta' Oriġini aħjar, li jikkontribwixxu għal tkabbir ekonomiku, aktar impjiegi u aktar dħul għall-Istat, li jkun jista' jintuża għall-iffinanzjar ta' miżuri soċjali,

— l-integrazzjoni reġjonali tar-reġjuni tal-AKP, li għandha l-ħila ttejjeb il-qafas għall-iżvilupp ekonomiku u li għalhekk tikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku,

— l-użu tajjeb tal-finanzjament tal-Għajnuna għall-Kummerċ b'rabta mal-EPAs,

— l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' riforma u ta' rispons fil-pajjiżi tal-AKP, b'mod partikolari fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-finanzi pubbliċi, il-ġbir ta' dazji tad-dwana u l-ħolqien ta' sistema ġdida ta' dħul fiskali,

O. billi l-kummerċ fir-reġjuni tal-AKP u bejniethom u bejn il-pajjiżi tal-AKP u pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw (il-koperazzjoni fil-kummerċ min-Nofsinhar għan-Nofsinhar) jista' jkollu effetti pożittivi importanti fuq l-iżvilupp tal-pajjiżi tal-AKP,

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehim li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.)

P. billi wieħed mill-għanijiet iddikjarati tal-Ftehima ta' Cotonou huwa li l-EPAs isiru strumenti ta' promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, li jeqirdu l-faqar, jintegraw bil-mod il-mod l-ekonomiji tar-reġjuni tal-AKP fl-ekonomija dinjija u jsaħħu l-integrazzjoni reġjonali,

Q. billi fis-samit tal-UE u l-Afrika, li sar f'Liżbona f'Diċembru 2007, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, José Manuel Barroso, iddikjara li kien sa jkun hemm "l-opportunità ta' reviżjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika ffirmati miż-żewġ partijiet fl-aħħar ftit xhur",

R. billi dawk li joqogħdu fil-pajjiżi tal-AKP huma l-aktar milqutin mill-kriżi finanzjarja u alimentari globali u huwa vitali aktar minn qatt qabel li jsir kull sforz biex jinkisbu l-MDGs,

1. Theġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex jirrispettaw l-impenji tagħhom biex iżidu l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) biex jissodisfaw talbiet għall-bini ta' kapaċitajiet relatati mal-kummerċ, li għandhom jgħinu biex jiġu stabbiliti miżuri relatati fl-għamla ta' pakketti reġjonali ta' Għajnuna għall-Kummerċ għall-implimentazzjoni tal-EPAs bl-għan li jħallu impatt pożittiv fuq l-iżvilupp; tisħaq fuq il-fatt li l-iffirmar ta' EPA mhux impost bħala prekundizzjoni biex jirċievu fondi ta' Għajnuna għall-Kummerċ;

2. Tinsisti li l-EPAs huma strumenti ta' żvilupp li għandhom jirriflettu kemm l-interessi nazzjonali u reġjonali u kemm il-ħtiġijiet tal-pajjiżi tal-AKP, biex jitnaqqas il-faqar, jinkisbu l-MDGs u jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem bħad-dritt għall-ikel u d-dritt ta' aċċess għal servizzi pubbliċi bażiċi; theġġeġ lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE u lill-pajjiżi tal-AKP biex jagħmlu kulma jistgħu biex terġa' tinbena atmosfera ta' fiduċja, rispett reċiproku u sigurtà minħabba li din ġarrbet ħsara matul in-negozjati;

3. a) Tfakkar lill-istituzzjonijiet u l-gvernijiet tal-UE li la l-konklużjoni u lanqas ir-rinunzja ta' EPA m'għandhom iwasslu għal sitwazzjoni fejn pajjiż tal-AKP jista' jsib ruħu f'pożizzjoni anqas favorevoli minn dik li kien fiha bid-dispożizzjoniet dwar il-kummerċ tal-Ftehima ta' Cotonou;

b) Theġġeġ lill-Unjoni Ewropea biex tipprovdi riżorsi suffiċjenti u prevedibbli, minbarra dawk tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, li jkopru l-ispiża għall-aġġustamenti, jagħtu spinta mil-lat ta' kapaċità tal-provvista u jsaħħu l-infrastruttura, il-kapaċità regolatorja, il-kompetittività u l-interkonnettività nazzjonali u reġjonali;

c) Theġġeġ lill-Unjoni Ewropea biex ukoll ma torbotx l-għoti ta' fondi tal-Għaxar EDF jew Għajnuna għall-Kummerċ mal-iffirmar ta' EPA sħiħa;

4. Tisħaq li l-kompatibilità mal-WTO, kif definita mill-Artikolu XXIV tal-GATT, tapplika biss għall-kummerċ tal-prodotti u teħtieġ li "parti sostanzjali mill-kummerċ" tiġi liberalizzata "fi żmien raġonevoli", u theġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jaċċettaw proposti għal prodotti biss, li jkunu kompatibbli mal-WTO, minn pajjiżi tal-AKP;

5. Theġġeġ lill-pajjiżi tal-AKP u lill-Kummissjoni Ewropea biex jagħmlu l-aħjar użu mill-fondi disponibbli tal-Għajnuna għall-Kummerċ biex jgħinu l-proċess ta' riforma f'oqsma essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku; biex itejbu l-infrastruttura fejn hu meħtieġ li jibbenefikaw b'mod aktar effikaċi mill-opportunitajiet offruti mill-EPAs; biex jikkumpensaw għat-telf nett ta' dħul mid-dwana u jinkoraġġixxu r-riforma fiskali biex ma jonqsux l-investimenti pubbliċi f'setturi soċjali; biex jinvestu fil-katina ta' produzzjoni bl-għan li jiddiversifikaw il-produzzjoni għall-esportazzjoni; u biex jipproduċu aktar prodotti għall-esportazzjoni b'aktar valur miżjud;

6. Ittenni l-fehma tagħha li EPAs għandhom ikunu ffinanzjati mhux mill-EDF iżda b'għajnuna addizzjonali għall-kummerċ, li l-UE impenjat ruħha għaliha fl-2005, jiġifieri żewġ biljuni Ewro kull sena, li tibda fl-2010, 50 % minnhom għall-pajjiżi tal-AKP; topponi kull forma ta' kundizzjonalità marbuta mal-EPAs fl-għoti tal-għajnuna Ewropea, u tappella lill-Kummissjoni biex tiggarantixxi li l-aċċess għal fondi tal-Għaxar EDF jibqa' separat mir-riżultat u r-ritmu tan-negozjati;

7. Tisħaq li ż-żidiet li kien hemm fl-ODA imwieġħda mill-Istati Membri għandhom, bħala prijorità, jintużaw biex jirduppjaw l-isforzi biex jinkisbu l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju f'dawk il-pajjiżi tal-AKP li huma l-aktar milqutin mill-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja u alimentari globali, li heddet u qed tkompli thedded serjament, is-suċċess miksub biex jintlaħqu dawn l-għanijiet;

8. Tenfasizza wkoll li l-ftehimiet kollha għandhom jirrispettaw l-asimetrija favur il-pajjiżi tal-AKP fir-rigward kemm tal-firxa ta' prodotti mmirati u kemm tal-perjodi ta' tranżizzjoni, u li l-EPAs għandhom jagħtu garanziji sodi ta' protezzjoni għal dawk is-setturi li l-pajjiżi tal-AKP jidentifikaw bħala sensittivi;

9. Tinnota bi tħassib li l-KE qed tikkonkludi negozju tal-banana man-nazzjonijiet fornituri l-aktar iffavoriti fl-Amerika Latina, li se thedded il-vijabilità tal-industrija tal-banana tal-AKP u b'mod partikolari l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli ta' ekonomiji żgħar vulnerabbli; tappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura li jitteħdu miżuri biex jitħares l-għajxien ta' bdiewa żgħar tal-banana, li huma l-aktar vulnerabbli;

10. Tenfasizza li miżuri ta' appoġġ marbuta mal-EPAs għandhom iqisu l-importanza, għall-iżvilupp tal-pajjiżi tal-AKP, tal-integrazzjoni reġjonali u ta' relazzjonijiet ekonomiċi ma' pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw;

11. a) Theġġeġ lill-Kummissjoni biex tħalli lill-pajjiżi tal-AKP jinnegozjaw mill-ġdid klawżoli kontenzjużi qabel ma jiffirmaw il-ftehimiet reġjonali komprensivi, biex tagħti lil-negozjaturi tal-AKP żmien biżżejjed biex janalizzaw il-ftehimiet, biex jagħmlu suġġerimenti qabel ma l-ftehimiet ikunu adottati u biex toffrilhom pariri dwar kull ħaġa li n-negozjaturi tal-AKP iqisu xierqa; tisħaq l-aktar dwar l-importanza li t-tħassib tal-pajjiżi sieħba u tal-parlamenti tagħhom, tal-awtoritajiet lokali u tas-soċjetà ċivili jkun rifless fil-qafas tan-negozjati dwar EPAs sħaħ, li m'għandux jintlaħaq ftehim dwarhom taħt pressjoni jew inkella bl-għaġġla;

b) Tappella lill-Kummissjoni Ewropea biex ikollha konsultazzjonijiet sħaħ mal-Grupp tal-AKP, skont l-Artikolu 12 tal-Ftehima ta' Cotonou, qabel ma tidħol f'xi impenn li jista' jolqot ħażin l-integrazzjoni ekonomika tar-reġjuni tal-AKP jew ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-AKP u l-UE;

12. Tisħaq li ftehimiet tal-EPA għandhom jinkorporaw klawżola li tipprovdi għal reviżjoni ħames snin wara li jkunu ffirmati, bl-involviment formali tal-parlamenti nazzjonali, tal-Parlament Ewropew u ta' atturi mhux statali, kif ukoll dispożizzjonijiet aktar stretti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, biex ikun jista' jiġi stabbilit l-impatt tal-EPA fuq l-iżvilupp tal-pajjiżi u tar-reġjuni u fuq il-miri tat-tnaqqis tal-faqar – mhux biss fil-livelli ta' konformità tal-EPA – u biex jipprovdu għal mekkaniżmu ta' rimedju li jippermetti emendi jew tħassir ta' kull aspett tal-EPA li jippreġudika proċess ta' integrazzjoni reġjonali jew inaqqas l-opportunità li jitnaqqas il-faqar jew jintlaħqu l-MDGs;

13. a) Theġġeġ lill-gvernijiet tal-AKP biex jimplimentaw ir-riformi meħtieġa biex ikunu jistgħu jkomplu l-ħidma tagħhom favur governanza tajba, l-aktar fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika, bħall-amministrazzjoni tal-finanzi pubbliċi, il-ġbir tad-dazji tad-dwana, is-sistema ta' dħul fiskali u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-amministrazzjoni ħażina;

b) Titlob il-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet kollha interessati, u l-aktar tal-gvernijiet u tal-parlamentari, fil-proċess ta' negozjati, u għal involviment akbar tas-soċjetà ċivili, bl-għan li jinkiseb kunsens reġjonali qabel ma tiġi ffirmata EPA sħiħa;

14. Tisħaq li tinħass ħtieġa li tiżdied it-trasparenza fin-negozjati u fir-riżultati tagħhom biex ikun jista' jkun hemm skrutinju pubbliku minn min ifassal il-politika, mill-parlamentari u mir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili;

15. Theġġeġ lill-istituzzjonijiet u lill-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE biex jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jistabbilixxu mill-ġdid ambjent ta' kunfidenza u fiduċja minħabba li din ġarrbet ħsara matul in-negozjati;

16. Tisħaq li għandu jkun hemm monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-EPAs minn korp parlamentari, li għandu jkun previst fit-testi tal-EPA, u li dan il-korp parlamentari għandu, f'kull każ, jevolvi mill-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-AKP-UE (JPA) u mill-korpi tagħha u jibqa' marbut mill-qrib mal-JPA, jew ikun jagħmel parti minnha, biex iqis kif imiss l-impatt tal-EPAs fuq l-ekonomiji tal-pajjiżi tal-AKP, kif stabbilit fil-Ftehima ta' Sħubija ta' Cotonou;

17. Tisħaq b'mod partikolari dwar l-irwol kruċjali tal-parlamenti nazzjonali u tal-atturi mhux tal-Istat fil-monitoraġġ u l-kontroll ta' EPAs u titlob l-involviment sistematiku tagħhom fil-proċeduri kontinwi tan-negozjati; dan jeħtieġ aġenda ċara għal aktar negozjati, li għandu jkun hemm qbil dwarha mill-pajjiżi tal-AKP u tal-UE u tkun msejsa fuq approċċ parteċipatorju;

18. Tirrakkomanda li l-Parlament Ewropew jistenna l-opinjonijiet tal-parlamenti tal-AKP dwar ir-riżultati tan-negozjati tal-EPA kull meta jkun possibbli u li jqishom qabel ma jagħti l-kunsens tiegħu;

19. a) Tqis li l-*Papers* ta' Strateġija Reġjonali tal-EDF u l-Programmi Indikattivi Reġjonali għandhom jinkludu appoġġ importanti, sistematiku u meqjus sewwa għall-implimentazzjoni ta' EPA, billi jitqies il-proċess ta' riforma meħtieġ biex l-EPA tkun suċċess;

    b) Tinsisti li dokumentazzjoni dwar EPAs sħaħ għandha tqis kull telf ipproġettat ta' dħul li jiġi żvelat minn studji dwar l-impatt fil-livell ta' kull reġjun u ta' kull pajjiż tal-AKP, u li jkun hemm dispożizzjonijiet għal negozjati dwarhom, skont il-ħtieġa;

    c) Titlob li r-reġjuni tal-AKP jorganizzaw *workshops* dwar *Papers* ta' Strateġija Reġjonali tal-EDF u programmi indikattivi reġjonali malajr kemm jista' jkun, biex jeżaminaw l-impatt tagħhom fuq l-implimentazzjoni ta' EPAs;

    d) Tappella lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati tal-AKP biex jiżguraw li EPAs iwieġbu għall-kriżi globali attwali, biex inaqqsu l-impatt tat-tnaqqis fl-ekonomija dinjija fuq l-Istati tal-AKP;

20. Tenfasizza li l-iffirmar ta' ftehimiet *interim* minn Stati tal-AKP m'għandux ifixkel il-possibilità ta' reġjuni tal-AKP milli jikkonkludu mal-UE EPAs sħaħ li jqisu d-dimensjoni ta' żvilupp u l-miżuri għall-integrazzjoni tall-ekonomiji reġjonali, u li jsaħħu l-koperazzjoni bejn l-Istati tal-AKP u l-Isati Membri tal-UE;

21. Tisħaq mill-ġdid il-ħtieġa li jiġu identifikati prodotti sensittivi li m'għandhomx ikunu s-suġġett tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ;

22. Tenfasizza l-ħtieġa li tinġieb lura l-fiduċja bejn il-pajjiżi tal-AKP u l-pajjiżi tal-UE, li nħasdet matul in-negoazjati għal EPA, fl-ispirtu tas-sħubija li tgħaqqadhom flimkien;

23. Tagħti istruzzjonijiet lill-Ko-Presidenti biex jibagħtu din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill tal-Ministri tal-AKP u tal-UE, lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Presidenza tal-Kunsill tal-UE, lill-Unjoni Afrikana, lill-Parlament Pan-Afrikan, lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali u lill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-AKP.